**Laqgħa Numru 5**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**14 t'Ottubru 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-5.10 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Johnny Vella | - Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Hubert Saliba ippresieda l-laqgħa.

**5.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

5.1.1 Il-membri tal-Kunsill kienu kollha preżenti u għahekk ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera x'jinqraw.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

5.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 4 li saret nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru 2019 kienu ġew ċċirkolati b'imejl minn qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Vici-Sindku talab li tiżdied referenza li l-Kunsill tas-7 Leġislatura kien beda b'deficit kbir u kien spiċċa l-Leġislatura b'surplus sostanzjarju. Dawn ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

5.3.1 **Christmas Market** Fil-kamra daħlu l-Arċipriet Daniel Xerri, is-Sur Joseph Vella u anke is-Sur Charles Borg, it-tnejn rappreżentanti mill-Kumitat Ċentrali tal-Festa. Is-Sindku stieden l-Arċipriet jitkellem fejn spjega dwar ix-xewqa li jsir Christmas Market nhar it-13 u 14 ta'Dicembru 2019 bis-sehem tal-Għaqdiet tar-raħal u bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-ħsieb hu li tintrema tinda fejn jiġu armati diversi stands. Il-ħsieb ta' dan l-avvenimnet hu li dan ikun bħala *fundraising* b'risq l-għaqdiet involvuti. Fost l-istands għandu jkun hemm stands b'ikel u ħelu tradizzjonali tal-Milied, stands immirati għat-tfal, u stand fejn wieħed ikun jista' jieħu ritratt ma' Father Christmas. Dakinhar tinfetaħ għall-wiri l-wirja tal-presepji fiċ-ċentru u anke l-presepju tal-knisja. Hu maħsub ukoll li jipparteċipa l-kor tat-tfal "Ulied Battista" biex ikantaw kanzunetti tal-Milied. Għandu jkun hemm bands lokali rinomati jdoqqu biex jintlaħqu l-gosti ta' kulhadd. Is-Sur Charles Borg talab lil Kunsill biex jikkordina ftit biex ikun hemm tiżjin tal-Milied fil-pjazza. Il-membri tal-Kunsill waqt li qablu li l-Kunsill kellu jikkoloborra talbu stima tal-ispejjeż involuti. Is-Sindku rringrazzja lill-Arċipriet, lis-Sur Vella u s-Sur Borg u dawn ħarġu mill-kamra.

5.3.2 **Hatra Deputat Segretarju** Is-Sindku ppropona li jinħatar l-Assistent Prinċipal Chrismar Xuereb fi ħdan il-Kunsill bħala Deputat Segretarju. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju kellha titlob konferma jew mod ieħor mingħand is-Sur Xuereb jekk kienx qed jaċċetta din il-kariga.

5.3.3 **Purtieri fil-Kunsill** Is-Sindku ssuġġerriexxa li kellhom isiru l-purtieri fil-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu li dawn kellhom isiru.

5.3.4 **Wasteserv Kerbside Truck** Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill bis-servizz il-ġdid min-naħa tal-Wasteserv fejn dan it-trakk kien se jkun qed ikun fi Triq Widnet Il-Baħar kull l-ewwel Tlieta tax-xahar u kien se jkun qed jiġbor ġablo, plastik, ħġieġ, karti, kartun, ħadid, bozoz, żjut anke tal-ikel, drappijiet u materjal ieħor. Is-servizz kellu jibda mit-Tlieta 5 ta' Novembru 2019.

5.3.5 **Ċirkulari 19/2019 Sistemi ta' Live Streaming** Is-Sindku b'referenza għal din iċ-ċirkulari talab l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu isiru l-arranġamenti neċessarji biex il-laqgħat tal-Kunsill ikunu jistgħu jibdew jiġu segwiti *on demand* kif kien qed jiġu mitlub. Il-membri tal-Kunsill unaninament qablu ma' dan u s-Segretarju ħadet nota biex isiru l-arranġamenti neċessarji.

5.3.6 **Każ tal-Qorti Paul Portelli vs Kunsill Lokali Xewkija** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva avviż tas-Seduta fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar għall-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019 fil-11.00am fuq il-kwistjoni li qed jinżamm l-ilma f'Tal-Ħorob kemm ilha li saret it-triq bil-konkos.

5.3.7 **Kolloborazzjoni lill-Gozo Cycling Association** Is-Sindku rreferra għat-talba tal-Gozo Cycling Association li kienu qed ittellgħu avveniment ta' tlielaq tar-roti fis-27 t'Ottubru 2019 u talbu li l-Kunsill jikkoloborra f'dan l-avveniment. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li tingħata tuffieħa u flixkun ilma lil kull parteċipant.

5.3.8 **Sinjali sofor fejn l-*island* fil-Pjazza** Is-Sindku rreferra għall-parkeġġ bl-addoċċ fil-pjazza mal-bankini. Hu ssuġġerriexxa li ssiru l-linji sofor fejn wieħed ma jistax jipparkja anke in-naħa taċ-Ċentru. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekkja ma' TM u tara x'żebgħa s-soltu tintuża għal fuq il-porfido biex ma ssirx ħsara fuqu.

5.3.9 **Party tal-Milied għat-tfal** Is-Sindku ppropona li kif kien isir fis-snin l-imgħoddija jerġa' jibda jsir il-party tal-Milied għat-tfal kollha tax-Xewkija. Il-Kunsill iddiskutta u kkunsidra ukoll it-talba min-naħa tal-Kap tal-Iskola għall-kollobarazzjoni fil-Fun Day li ssir fi żmien il-Milied. Il-membri qablu li l-party ma jsirx u l-Kunsill jikkoloborra fil-Fun Day.

**5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

5.4.1 Il-Viċi-Sindku Paul Azzopardi staqsa lis-Segretarju tagħti rendikont fuq il-proġetti li kienu ħarġu t-tenders għalihom fix-xhur li għaddew. Is-Segretarju kkomunikat li x-xogħol tal-Ħitan tas-Sejjieħ taħt Miżura 4.4 kien bena f'Tal-Ħorob hekk kif kien ġie iffirmat il-kuntratt. Rigward Triq Santa Eliżabetta, il-Kunsill kien għadu jistenna l-garanzija bankarja mingħand il-kuntrattur biex b'hekk ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt. B'referenza għat-tender fuq il-Playing Field tal-Ħamrija dan it-tender kellu jiġi ppublikat it-Tlieta 15 t'Ottubru 2019 jekk il-Perit min-naħa tiegħu jkun laħaq ivverifika d-dokument tat-tender hekk kif kien intbagħat l-avviż għal fuq il-Gażżetta tal-Gvern li kellha jidher fil-15 ta' Novembru 2019.

5.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet meta kienet ser isir il-Laqgħa Pubblika hekk kif titlob il-Liġi. Il-membri qablu li din kellha ssir nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019 qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

5.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jintbagħat ħaddiem jiċċekja jekk il-paneli humiex qed jaħdmu jew le. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

5.4.4 Il-Viċi Sindku rreferra għall-kontijiet tal-bankijiet li għaddew fil-laqgħa ta' qabel u sostna li talbiet għall-bankini qatt ma kienu jiġu preżentati waqt laqgħa tal-Kunsill hekk kif kien hemm qbil bejn il-membri tal-Kunsill tas-Seba' Leġislatura li talbiet għax-xogħlijiet ta' bankini ma kellhomx għalfejn jiġu ddiskussi waqt il-laqgħa. Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju tagħmel referenza għall-minuti. Is-segretarju ħadet nota biex tirreferri għall-minuti meta hi kienet għada ma ħaditx il-kariga ta' Segretarju. Il-Viċi Sindku għamel ukoll referenza li s-Segretarju damet ħafna biex bdiet tuża s-sistema tal-Gozo LC. Hu qal li sa sena wara li din ġiet introdotta mill-Ministeru għal Għawdex is-Segretarju ma kinitx bagħtet applikazzjoni. Is-Segretarju rribatiet li dan mhux minnu u li hi kienet daħlet l-ewwel talba sa xahrejn wara l-laqgħa informattiva fejn spjegat kif kellha taħdem din is-sistema ġdida.

5.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Segretarju jekk kinux inġabru l-kwotazzjonijiet għall-*videgrapher* għall-proġett mal-iskola tal-EWWR. Is-Segretarju kkonfermat li kienet qed tistenna l-kwotazzjonijiet.

5.4.6 B'referenza għall-imejl li inbagħtet mis-Sur Mario Camilleri fejn dan informa lil Kunsill ta' Castelvenere li ma kienx se jibqa' jgħin lil Kunsill tax-Xewkija fir-rigward tal-ġemellaġġ u anke Citta Del Vino, il-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li tħossha ddispjaċuta ħafna b'dan wara li kien reġa' tqajjem il-ġemellaġġ. Hi stqarret li kienet qed tħoss li b'din l-imejl kienu ser jerġgħu jintilfu l-kuntatti li kienu tqajmu. Is-Segretarju rrispondiet li kienet għamlitha ċara mill-bidunett lis-Sur Camilleri li fejn jidħlu kwotazzjonijiet u ordnijiet ta' xogħol li kienu se jitħallsu mill-Kunsill din kellha tieħu ħsieb tagħmel dan hi hekk kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju stqarret li dan kien intqal lis-Sur Camilleri fil-preżenza tal-membri tal-Kunsill tal-Leġislatura preċedenti. Is-Segretarju sostniet ukoll li sfortunatament qatt ma kien hemm kuntatti diretti bejn iż-żewġ kunsilli.

*5.00pm Il-Kunsillier Domenic Zerafa kien skużat mill-Kamra.*

5.5.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-konkorrenza għall-korsijiet tax-Xitwa. Is-Segretarju kkonfermat li l-korsijiet offruti kienu ser isiru kollha hekk kif kien hemm konkorrenza tajba ħafna. Il-Kunsill kien ser jipprovdi kors tal-Malti għall-Barranin, kors tat-teknoloġija, kors tal-bizilla, kors tal-ganċ, aerobics, general fitness u anke sessjoni ta' sports għat-tfal. Dawn il-korsijiet kienu ser isiru fl-Exhibition Hall, is-sala tal-Każin tal-Banda u anke fis-sala tal-iskola Primarja.

5.08pm *Il-Kunsillier Domenic Zerafa daħal lura fil-kamra.*

5.5.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrefferiet għall-Kunsill l-Antik u ssuġġerriet jekk jistax wieħed japplika taħt xi tip ta' fondi biex dan ikun jista' jintuża minn persuni b'diżabilita'. Il-membri tal-Kunsill iddiskutew li waqt li importanti li l-Kunsill jaħseb kif jista' jsir użu tajjeb min dan il-post kien hemm ċertu fatturi x'wieħed jikkonsidra bħal fejn jista' jsir *lift.*

5.5.9 Il-Kunsillier Johnny Vella ġibed l-attenzjoni li kien qed jiddejjaq li qed jingħadd kliem li wasal għand familjari tiegħu li l-Kunsilliera mhux qed jappoġġja lis-Sindku ġdid. Il-

Kunsillier irrimarka li dan il-kliem lilu qed iweġġgħu ħafna għax hu dejjem ta l-appoġġ tiegħu lis-Sindku l-ġdid u l-Kunsill u jixtieq li dan il-kliem jieqaf minufih. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat li ċertu kliem tħoss li m'għandux joħroġ mill-Kunsill u li temmen li wieħed irid joqgħod attent u jkun professjonali għax faċli li tinkisser id-*Data Protection Act.* Hi staqsiet lis-Sindku jekk hux kuntent kif qed titmexxa l-Amminstrazzjoni tal-Kunsill u dan ikkonferma fl-affirmattiv. Il-Viċi Sindku kkomunika li hu lanqas jekk il-post ta' Sindku jkun vakant ma jieħu din il-kariga u dan biex juru kemm hu lest li jaħdem mas-Sindku l-ġdid bħala tim wieħed u magħqud.

## 5.6 Jum Ix-Xewkija

5.6.1 Is-Sindku nforma lil Kunsill li kienu ser jintbagħtu l-applikazzjonijiet għall-Gieh Ix-Xewkija u Ħidmet Iż-Żgħażagħ lill-Għaqdiet kollha tar-raħal. Kien ser isir ukoll avviż lir-residenti fuq il-bullettin fejn kienu qed jiġu mistiedna r-residenti biex dawn jinnominaw lil min tassew jaħsbu li ħaqqu dawn il-premji. Dawk nominati għal dawn il-premjijiet għandhom ikunu nfurmati kemm b'invit personalizzat u anke bit-telephone biex ikunu preżenti fis-sala u jingħataw rikonoxximent.

5.6.2 Is-Sindku pproponna li jingħata rikonoxximent lis-Sa Mary Haber għall-kontribut li tat tul it-22-il sena ħidma fil-Kunsill tax-Xewkija u lis-Sur Johnny Camilleri li kien hi fil-quċċata tal-klassifika bħala top scorer. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan biex b'hekk il-lista ta' dawk rikonoxxuti kienet tinkludi lil Dun Salv Vella, Giuseppina Galea, Maria Pia Borg, Carmelo Pace u dawk l-istudenti li jkunu gradwaw mill-Universita' is-sena li għaddiet. Ċertifikat kellu jingħata lil dawk l-adulti li attendew korsijiet matul ix-xhur tas-sajf fis-serata ta' Jum Ix-Xewkija. L-istudenti tal-Primarja li attendew għall-korsijiet fis-sajf kienu se jingħataw iċ-ċertifikat waqt l-attivita' mtella' fl-iskola tax-Xewkija mmirata għat-tfal nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2019.

5.6.3 Is-Sindku rreferra għat-talba tal-Għaqda tal-Armar fejn kienu qed jistaqsu għall-kolloborazzjoni tal-Kunsill biex tittella' attivita' mmirata għat-tfal bl-isem *Adventure Park*. Il-membri ddiskutew u qablu ma' dan. Il-Kunsill kellu jieħu ħsieb ir-*risk assessment* hekk kif din l-attivita' kellha tittella' fi Ġnien Blankas. Il-Kunsill kellu jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza tal-ambulanza u jara li jġib l-iCPD u l-pulizija jagħmlu *demonstration*. Bħala attrazzjonijiet oħra għat-tfal għandu jkun hemm zip-lining u anke Fonzu L-Fenek. Din l-attivita' apparti li se tkun marbuta ma' Jum Ix-Xewkija se tkun ukoll parti miċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Jum Dinji għat-Tfal.

## 5.7 Proġett: Art Biswit L-Iskola

5.7.1 Is-Sindku nforma li kienet intalbet laqgħa min-naħa tas-Segretarju Parlamentari tal-Biedja u Sajd rigward l-art ta' ħdejn l-iskola primarja li tappartjeni lil s-Segretarjat tal-Biedja u Sald fuq il-proġett maħsub minn dan is-Segretarjat. Waqt li d-diskussjonijiet għadhom fi stajdu avvanzati ħafna, is-Sindku kkomunika li b'dan il-proġett żgur li ħa jgawdi r-raħal tax-Xewkija u li dan ħa jkun proġett iffinalizzat min-naħa ta' dan is-Segretarjat.

5.7.2 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienx ħa jsir l-istess proġett li kien maħsub oriġinarjament fil-Leġislatura preċedenti peress li kienu saru ħafna spejjeż. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Viċi-Sindku rreferra għall-kont ta' GaleaCurmi Engineering fejn staqsa lis-Segretarju għalfejn dan ma kienx tħallas. Il-Viċi Sindku ssostna li dan ir-rapport kellhu bilfors jiġi mħejji minn GaleaCurmi biex eventwalment ikunu jistgħu jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għall-Open Gym. Is-Segretarju rreferriet li kienet iċċekjat mal-Viċi Sindku meta kien għadu Sindku hu fil-Leġislatura preċedenti u qallha biex ma dan ma jitħallasx għalissa. Is-Segretarju kkonfermat li hi ma kellha l-ebda problema biex dan jitħallas dejjem jekk approvat min-naħa tal-Kunsill. L-unika kwistjoni kienet li dan ir-rapport qatt ma tat ordni ta' xogħol biex dan ir-rapport li jammonta għall-€4,543 jsir. Barra minnhekk qatt ma saret diskussjoni fuq il-mejda tal-Kunsill li kien hemm bżonn isir dan ir-rapport. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-invoice għax-xogħol biex sar dan ir-rapport kellha titħallas minnufih.

5.7.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li fil-laqgħat fuq din l-art jkun xieraq li jkun hemm preżenti l-Kap tal-Iskola.

## 5.8 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni: Tender tal-Avukat<br>Tender tal-Playingfield tal-Ħamrija

5.8.1 B'referenza għat-tenders tal-avukat u tal-playingfield il-Kunsill qabel li jinħatru n-nies issuġġerriet mis-Sindku, li huma kollha kompitenti u familjari mal-EPPS, biex jkunu jistgħu jevalwa dawn it-tenders. L-ismijiet mhux qed jitniżżlu hekk kif titlob id-*Data Protection Act.*

## 5.9 Sejħa għas-servizz ta' Contract Manager

5.9.1 Is-Sindku rreferra għaċ-ċirkulari mid-Dipartiment li kienet qed tobbliga l-Kunsill li jew jingaġġa jew joħroġ sejħa għas-servizz ta' Contract Manager. Il-Kunsill iddiskutta li jagħmel aktar sens li toħroġ sejħa. Is-Sindku kellu jqajjem il-punt waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

## 5.10 Korrispondenza u Materiji Oħra

5.10.1 Ċirkulari AKL 2019/108 – Komunikazzjoni bejn l-AKL u l-Kunsilli Lokali.

5.10.2 Ċirkulari AKL 2019/109 – Local4Green Project National Seminar.

5.10.3 Imejl mingħand is-Sur Joe Micallef mill-Gvern Lokali dwar Pink October 2019, fejn informa lill-Kunsill Lokali li Marigold Foundation ser iżżur l-lokalita tax-Xewkija nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2019.

5.10.4 Imejl mingħand is-Sur Chrismar Xuereb lis-Sa Mary Haber, fi ħdan is-segretarjat fil-Ministeru għal Għawdex dwar sewqan eċċessiv fi Triq tal-Ħamrija, fil-parti li tieħdok għal Triq Sannat biex jikkonsidraw miżuri biex jiġi kkontrollat is-sewqan eċċessiv.

5.10.5 Ċirkulari AKL 2019/111 – Stqarrija – Taħriġ fil-governanza u d-demokrazija għall-Membri Eletti fil-Kunsilli Lokali.

5.10.6 Ċirkulari AKL 2019/071 – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA.

5.10.7 Imejl mingħand is-Sa Roxanne Spiteri mill-MOT dwar il-European Destination of Excellence Award for Health and Wellbeing Tourism.

5.10.8 Ċirkulari AKL – Skema WiFi4EU. Sejħa għall-fondi tal-UE taħt l-iskem WiFi4EU. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut waqt li saret referenza li l-Kunsill kien applika taħt din l-iskema.

5.10.9 Ċirkulari AKL 2019/106 – Seminar dwar Provvediment ta' żvilupp u implementazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali.

5.10.10 Ċirkulari 18/2019 – Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S 441.04. Tibdil fil-ħinijiet tal-permessi ta'krejns, etċ.

.

5.10.11 Ċirkulari AKL 2019/104 – Priority Information Visit To The EU Institutions 28-30 October 2019.

5.10.12 Imejl mingħand is-Sa Monique Cauchi dwar tħawwil ta' siġar fil-lokalita.

5.10.13 Imejl mingħand is-Sa Lianne Mifsud dwar il-Laqgħa Plenarja Ottubru 2019.

5.10.14 Stqarrija maħruġa mill-AKL dwar l-użu tal-Electric Scooters fil-lokalita.

5.10.15 Lista tal-Korsijiet li ser jingħataw matul ix-Xitwa organizzati mill-Kunsill Lokali ix-Xewkija.

5.10.16 Ċirkulari 19/2019 – Sistemi ta' Live Streaming. Il-Kunsill iddiskutta din il-materja.

5.10.17 Imejl mingħand is-Sur Chrismar Xuereb dwar repliki li jeżistu tal-ħaġra ta' Majmuna. Is-Sa Sagona wieġbet li din ir-replika qatt ma waslet sħiħa. Hija qalet li jekk il-Kunsill Lokali ix-Xewkija jixtieq, għandhom isiru diskussjonijiet dwar possibiltajiet li jeżistu.

5.10.18 Imejl mill-Għaqda tal-Armar biex tiġi organizzata attivita f'Jum ix-Xewkija. Din ġiet diskussa.

5.10.19 Minuti mill-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 24 mibgħuta mis-Sa Lianne Mifsud.

5.10.20 Imejl mill-Għaqda tal-Armar fejn bgħatu dettalji u nformazzjoni dwar l-attivita li beħsiebhom itellgħu nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru 2019.

5.10.21 Imejl mingħand Yosef Magro, GAGF Manager, dwar sessjoni ta' informazzjoni li ser ssir nhar is-17 t'Ottubru 2019 dwar Rejuvenating Gozo – PRE Call and Info Session.

5.10.22 Imejl mill-Ministeru biex jiġi identifikati postijiet fejn il-Kunsill Lokali jista japplika għall-Free Wifi. Din l-applikazzjoni kienet diġa' ġiet sottometta mill-Kunsill lill-AKL.

5.10.23 Is-seduta rigward Triq tal-Ħorob ser issir il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019 fis-13.00. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-avukat minnufih.

5.10.24 Ċirkulari AKL 2019/121 – LESA TMS Services.

5.10.25 Talba mill-Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija għall-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ix-Xewkija u l-Iskola Primarja fil-Fun Day tal-Iskola.

5.10.26 Korrispondenza mill-Planning Authority rigward sanzjonijiet fuq żvilupp ta' bini fi Triq San Ġwann Battista.

5.10.27 Imejl mis-Segretarju tas-Soċjeta Filarmonika Prekursur, is-Sur Charles Borg dwar il-Premju Ġieħ ix-Xewkija fejn ippropona lis-Surmast Anthony Borg għall-premju ta' Ġieħ ix-Xewkija.

5.10.28 Risposta mingħand is-Sur John Attard rigward l-istedina biex l-Għaqda Drammatika tkun parti mill-produzzjoni ta' L-Għanja tal-Battista. Huwa wieġeb li minħabba mpenji oħra mhuwiex possibli li tkun parti mill-produzzjoni.

5.10.29 Imejl mingħand is-Sa Rachel Abela dwar kompetizzjoni Tan-Nanna Ħelu Manna għal Anzjanita' Attiva.

5.10.30 Invit mingħand George Refalo dwar invit għal-laqgħa l-Ħamis 10 t'Ottubru 2019.

5.10.31 Imejl mingħand l-Arċipriet Daniel Xerri fejn talab għall-ħlas tal-pulizija fl-Okkażjoni tal-Festa tal-Martirju ta' San Ġwann.

5.10.32 Imejl mingħand is-Sur Joe Mallia dwar l-ispiża tal-Video On Demand tal-Laqgħat tal-Kunsill.

5.10.33 Servizz ġdid offrut mill-Wasteserv ta' Kerbside Truck li ser ikun l-ewwel Tlieta tax-xahar fix-Xewkija u jibda fil-5 ta' Novembru 2019 bejn id-9:30am u 13.30.

5.10.34 Talba mill-Gozo Cycling Club dwar kolloborazzjoni għall-Gozo Annual Road Cycling Race.

5.10.35 Imejl mingħand is-Sa Rachel Abela dwar il-Premju Soċjeta' Ġusta 2019. In-nominazzjonijiet qed jiġu milqugħa sa' nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2019.

5.10.36 Korrispondenza mingħand TM dwar applikazzjoni għall-Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay fi Triq l-Indipendenza fejn il-Kunsill kien qed jiġi mistieden idaħħal l-oġezzjoni tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li jħallu l-eżodu f'idejn TM.

5.10.37 Imejl mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja is-Sa Frankline Zammit Galea dwar Clean Up Day max-Xewkija matul il-European Week for Waste Reduction fid-19 ta' Novembru 2019. Il-Kunsill inota l-kontenut u kien qbil li jsiru T-Shirts.

**5.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

5.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. Ittieħed vot fuq Numru ta' Pagament 105 fejn ġie approvat li jgħaddi b'tlett voti kontra wieġed. Pagament numru 117 ma ġiex approvat. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**5.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

5.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.56pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru fl-4.00pm.

Konfermati, illum 16 ta' Diċembru 2019

**IFFIRMATA**

___________________

Hubert Saliba

Sindku

**IFFIRMATA**

_________________________

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv